MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2015

Numru. 152/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs.**

**Anthony Bartolo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Anthony Bartolo detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 108582M

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-12 ta’ April, 2008, kif ukoll fil-gimgha ta’ qabel, f’hinijiet differenti, fi bnadi ohra f’Malta

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dawr il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

   Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li ma humiex kontestati bejn il-partijiet huma s-segwenti:

1. Is-suldati tal-Forzi Armati ta' Malta ghamlu road block u waqqfu lill-imputat li kien qed isuq vettura;
2. Meta s-Surgent Martin Borg mar fuq l-imputat u staqsieh jekk ghandux xi haga, l-imputat qallu "iva" u tah pakkett tas-sigaretti. Meta s-Surgent fetah il-pakkett tas-sigaretti sab li kien fih tminn (8) qratas zghar li kienu suspettati li kienu kokaina.[1]
3. Fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li l-qratas kienu jikkontjenu d-droga kokajina u li kien xtrahom dak in-nhar stess tar-road block u hallihom fil-bieba tal-karozza. Huwa qal li kien xtrahom €70 il-qartas u li kien jabbuza mid-droga kokajina izda mhux regolarment.
4. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal ukoll li l-qratas kienu intizi ghall-uzu personali tieghu, izda zied jghid hekk *"Pero nghid ukoll li jekk inkun ma xi hadd u minhabba xi raguni jew ohra jitlobni ftit, inkun nista' naghtih."* Pero qal ukoll li *"S'issa qatt ma qassamt lil hadd pero gieli talbuni shabi u ma kellix jew inkella jkolli ftit ghalija personali."*
5. L-imputat qal ukoll li hu ma jixtrix b'mod regolari, u ghalhekk meta jixtri jixtri ammont f'daqqa. Qal ukoll li *"Lanqas nista' nghid li nabbuza b'mod regolari mill-kokajina ghax hafna drabi nohodha biss f'xi okkazzjoni."*
6. L-Espert Spizjar Mario Mifsud ikkonkluda r-relazzjoni tieghu hekk:[2]

*"Ghaldaqstant, mir-rizultanzi miksuba, l-Esponent Mario Mifsud Manager tal-Laboratorju Forensiku, jista' jikkonkludi li fit-trab ta' lewn off-white li kien hemm fit-tmien (08) boroz zghar tal-plastik, fid-dokument 032/10/01, li l-piz nett totali tat-trab off-white kien ta' 3.737 grammi, instabet fih is-sustanza Kokajina. Il-purita medja tat-trab ta' lewn off-white ghas-sustanza Kokajina kienet ta' cirka 32.5%. Is-sustanza Kokajina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

[1] Ara xhieda tas-Surgent Martin Borg a fol. 18 tal-process.
[2] Ara relazzjoni tal-espert Mario Mifsud ezebita bhala Dok MM a fol. 17 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

*L-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputat*

Il-Qorti se tikkunsidra fl-ewwel lok il-kwistjoni sollevata mid-difiza waqt it-trattazzjoni orali fis-seduta tal-4 ta' Frar 2013 dwar l-istqarrija tal-imputat, u cioe li stante li l-istqarrija tal-imputat odjern ittiehdet fl-2008, meta ma kienx hemm il-possibilita li jiehdu parir legali qabel l-interrogazzjoni, *"id-difiza tqajjem il-kwistjoni dwar l-inammissibilita tal-istqarrija tal-imputat bhala prova f'din il-kawza ghall-istess ragunijiet li jemergu mis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "Pulizija vs Esron Pullicino" u "Pulizija vs Mark Lombardi" u l-kawza "Pulizija vs Alvin Privitera."*[3]

Wara dawn is-sentenzi imsemmija mid-difiza fil-verbal taghha, il-kazistika dwar l-ammissibilita ta' stqarrija ta' persuna arrestata rilaxxata meta dik il-persuna ma jkollhiex access ghal avukat evolviet, u llum il-gurnata giet kristallizzata fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs. Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012. F'din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi *"Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur."*

Fil-kaz ta' **Muscat** fuq citat, il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq, ghaliex *inter alia*:

1. meta sar l-interrogatorju, ir-rikorrent kien ragel matur li gia kien qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Ghalhekk kellu esperjenza ta' interrogatorju mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ta' vulnerabilita' hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn issir l-interrogatorju.

[3] Ara verbal fis-seduta tal-4 ta' Frar 2013 a fol. 48 tal-process.

2. ir-rikorrent kien gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn.
3. sakemm infethet il-kawza ir-rikorrent qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li fiha.

Ma jistax ikun hemm dubbju li l-access ghal avukat qabel l-interrogatorju bhala parti mid-dritt ta' smiegh xieraq gie introdott kemm mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ara l-kaz ta' **Salduz**[4]) u mill-Qorti Kostituzzjonali (ara **Il-Pulizija v. Alvin Privitera**[5]), biex jirrimedja ghal sitwazzjonijiet ta' zbilanc u nuqqas ta' ugwaljanza bejn l-interrogatur u min qed jigi interrogat. Jista' facilment ikun hemm sitwazzjonijiet ta' intimidazzjoni, paniku u konfuzjoni f'mohh il-persuna arrestata tant li f'dawk ic-cirkostanzi l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata. Ghalhekk huwa gust li ammissjoni jew stqarrija maghmula minn persuna vulnerabbli f'cirkostanzi intimidanti ghandha tigi skartata. Minn naha l-ohra jekk il-persuna arrestata ma hix persuna vulnerabbli u c-cirkostanzi ma jistghux jitqiesu intimidanti, ma hemmx raguni valida ghaliex l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata.[6]

In oltre, fis-sentenza **John Attard vs. Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-31 ta' Mejju 2013, il-Qorti Kostituzzjoni regghet irriteniet illi: *"Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Dan l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali gie wkoll abbraccat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. (ara per ezempju **Il-Pulizija vs. Greta Elena Loredana Mercieca** deciza fl-10 t'April 2013[7], **Il-Pulizija vs. Debbie Antoinette Vella** deciza fl-10 t'April 2013[8], **Il-Pulizija vs. Jesmond Camilleri** deciza fit-18 t'April 2013[9] u **Il-Pulizija vs. Paul Cutajar** deciza fit-18 ta' Gunju 2013[10]).

---

[4] Deciz fis-27 ta' Novembru 2008.
[5] Deciz fil-11 ta' April 2011.
[6] Ara ittra ta' Dottor Giovanni Bonello Imhallef *Emeritus* fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ippubblikata fit-*Times of Malta* fit-28 ta' Novembru 2012.
[7] *Per* Imhallef David Scicluna.
[8] *Per* Imhallef David Scicluna.
[9] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[10] *Per* Imhallef Michael Mallia.

Fil-kaz odjern, meta ittiehdet l-istqarrija, l-imputat kellu 26 sena. Ghalkemm ma rrizultax li huwa kellu esperjenza qabel ta’ interrogatorju mill-pulizija, l-imputat ma kienx minorenni u lanqas allega li kien ibati minn xi forma ohra ta’ vulnerabilita’, hekk li jkun jista jinghad li facilment seta’ jkun intimidat bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju. Inoltre, lanqas gie allegat li c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienu intimidanti, u ghalhekk ma hemmx biza’ li l-imputat seta’ stqarr htijiet u fatti li ma ghandhomx mis-sewwa.

Inoltre qabel l-interrogatorju, l-imputat gie mgharraf bid-dritt tieghu li jibqa’ sieket u ma jwiegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta’ jaghmilha minghajr konsegwenzi ta’ xejn. Fil-fatt l-imputat ezercita dan id-dritt tieghu u ghazel li ma jwiegibx ghad-domanda tal-ispettur meta staqsieh biex jghidlu minghand min kien xtara d-droga.

Huwa rilevanti wkoll li ghalkemm l-istqarrija ittiehdet f’April 2008, kien biss fis-seduta tal-4 ta’ Frar 2013, li l-imputat issolleva l-kwistjoni li l-istqarrija tieghu ttiehdet minghajr ma kellhu assistenza legali. Matul dawn il-kwazi hames (5) snin, l-imputat qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija tieghu jew li jichad il-kontenut taghha. Dan huwa sinjal li l-imputat stess ma kienx qed ihossu illi tqieghed taht zvantagg ingust bl-istqarrija tieghu li, wara kollox, ghamilha liberament.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, fil-fehma kkunsidrata ta’ din il-Qorti ma hemmx raguni valida ghaliex ghandha tiskarta l-istqarrija tal-imputat.

*Il-Meritu*

Kemm fl-istqarrija tieghu, kif ukoll fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti,[11] l-imputat ammetta li t-tminn (8) qratas kienu tieghu, pero jinsisti li dawk kienu intizi ghall-uzu personali. Huwa xehed li kien xtara l-qratas dak-in-nhar stess fil-ghodu u kien xtara tmienja (8) ghax kien sabhom bi prezz tajjeb u biex ikollu, u kien izomm id-droga fil-karozza tieghu sabiex it-tfajla u l-membri tal-familja l-

[11] Ara xhieda tal-imputat a fol. 38 *et seq.* tal-process.

ohra li kienu jghixu mieghu ma jindunawx li kien jabbuza mid-droga. Fix-xhieda tieghu huwa qal li ma kienx jabbuza kull gimgha, u l-aktar li kien jabbuza kien is-Sibt u l-Hadd. Meta gie mistoqsi in kontro-ezami ghalfejn xtara tminn (8) pakketti f'daqqa flok xtara ghal weekend, l-imputat wiegeb li meta kien jabbuza kien jiehu hafna u gieli ha sitt (6) pakketti ta' 0.5 jew 0.6 grammi - jigifieri cirka tlett (3) grammi (0.5g x 6) - f'lejl wiehed.

Ghalhekk il-kwistjoni li din il-Qorti trid tiddeciedi hi jekk id-droga li instabet fuq l-imputat kienitx intiza ghal uzu tieghu personali kif qieghed jissottometti hu jew li ma kienitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu kif qed tissottometti l-Prosekuzzjoni.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Jason Mallia**, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[12] irriteniet illi: *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati."* (enfasi ta' dik il-Qorti)

In oltre, fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[13] osservat li kawzi li jikkoncernaw imputazzjonijiet ta' pussess aggravat: *"... ... mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista' skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" (26.8.1998). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati (Ara Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" (2.9.1999)."*

[12] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.
[13] Per Imhallef Joseph Galea Debono.

Din il-Qorti, wara li kkunsidrat l-fatti kollha tal-kaz ma waslitx ghal konvinzjoni lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-kokajina li nstabet fil-pussess tal-imputat ma kienitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. Skont ix-xhieda tal-Espert Spizjar Mario Mifsud, jekk persuna ma tkunx *addict*, ma tikkunsmax aktar minn gramma f'okkazzjoni wahda. Pero skond l-istess xhud, jekk persuna tkun *addict*, huwa jikkonsma bejn zewg (2) jew tlett (3) grammi f'okkazzjoni wahda.[14] Mir-relazzjoni tal-istess Espert jirrizulta li l-piz tat-tminn (8) qratas in kwistjoni kien ivarja bejn 0.435g ghal 0.490g kull qartas.

2. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li hu ma jabbuzax mid-droga b'mod regolari, *"ghax hafna drabi nohodha f'xi okkazzjoni".* Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat ipprova jaghti l-impressjoni li jehodha iktar regolari, pero xorta qal li ma kienx jabbuza minnha kull gimgha, pero l-aktar li kien jabbuza kien is-Sibt u l-Hadd. F'kull kaz, certament ma jistghax jinghad li l-imputat kien *addict* jew *habitual user*. Pero, fl-ahjar ipotesi ghall-imputat huwa kien dak li jissejjah *a weekend user* – u jekk wiehed joqghod fuq l-istqarrija tieghu – li fl-opinjoni tal-Qorti hija aktar veritiera – l-imputat kien *an occasional user*. Fil-fatt fix-xhieda tieghu stess huwa jghid hekk: *"U peress li l-vizzju ma kienx wiehed kbir, ma kellix problema neghleb il-vizzju."*[15] Ghalhekk skont ix-xhieda tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, l-imputat ma kienx jikkonsma iktar minn gramma kokajina f'okkazzjoni wahda. Konsegwentement ix-xhieda tal-imputat li gieli kkonsma tlett (3) grammi f'lejl wiehed certament mhix kredibbli. La darba il-qratas li nstabu fil-pussess tal-imputat kellhom piz ta' ftit inqas minn nofs gramma kull wiehed, dan ifisser li l-imputat kellu fil-pussess tieghu droga bizzejjed biex jikkunsmaha f'erba' (4) okkazzjonijiet – zewg qratas kull darba.

3. Huwa veru li fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, l-ammont ta' tminn qratas bi ftit inqas minn 0.5 grammi kull wiehed, mhux ammont li wiehed normalment jassocja mal-konsum personali li kien jaghmel l-imputat. Pero wiehed irid jikkunsidra li dak iz-zmien, l-imputat kien jahdem ta' mastrudaxxa u ghalhekk kellu dhul fiss. Ghalkemm il-prezz tat-tminn (8) qratas kien komplessivament €560.00 (€70.00 kull qartas, il-Qorti ma tistax teskludi fuq bazi ta' probabbilita il-versjoni tal-imputat li kellu dawn il-flus disponibbli biex jixtri dan l-ammont ta' droga, sabiex kif qal fl-istqarrija tieghu u fix-xhieda tieghu, ma joqghodx jixtri ftit regolarment, imma jixtri ammont f'daqqa – iktar u iktar meta wiehed jikkunsidra li jekk kif hu notorju fis-suq tad-droga, meta wiehed jixtri ammont sostanzjali, il-prezz jorhos. Din il-Qorti lanqas tista' teskludi bhala inveritiera fuq bazi ta' probabbilita, ix-xhieda tal-imputat li hu kien izomm id-droga fil-karozza, sabiex it-tfajla tieghu u l-familjari taghha li maghhom

[14] Ara xhieda tal-Espert Mario Mifsud a fol. 16 tal-process.
[15] Ara xhieda tal-imputat a fol. 41-42 tal-process.

kien jghix ma jindunawx bil-vizzju tieghu. Fil-fatt mit-tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat ma nstab xejn relatat mal-abbuz jew spacc tad-droga.

4. Mill-provi ma jirrizultax li meta twaqqaf l-imputat fir-road block huwa kien sejjer xi *party*, kif issottometta l-Ufficjal Prosekutur fix-xhieda tieghu, imma mix-xhieda mhux kontradetta tal-imputat, huwa kien mal-familja tieghu fi triqithom biex imorru ghand oht it-tfajla tieghu.

5. Il-Prosekuzzjoni qed isserrah ukoll il-kaz taghha fuq id-dikjarazzjoni tal-imputat fl-istqarrija tieghu, fejn qal *"Pero nghid ukoll li jekk inkun ma' xi hadd u minhabba xi raguni jew ohra jitlobni ftit, inkun nista' naghtih."* (sottolinear ta' din il-Qorti). Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li qabel ghamel din id-dikjarazzjoni l-imputat qal hekk *"Proprjament, jien xtrajthom ghalija personali u mhux l-ewwel darba li xtrajt dawk l-ammonti."* Ghar-ragunijiet moghtija iktar il'fuq, din il-Qorti hija tal-opinjoni li fuq bazi ta' probabbilita l-imputat ipprova li d-droga xtraha ghalih personali. Huwa vera li l-imputat m'eskludiex li jekk xi hadd jitolbu ftit kokajina, ikun jista' jtih, pero lanqas tista' din il-Qorti ragonevolment teskludi li persuna li jkollha doza wahda tipika ta' droga kokajina ghal uzu personali taghha, tiddeciedi ghal xi raguni jew ohra li ttiha lil terza persuna. F'dak il-kaz, ir-reat ma jkunx ta' pussess aggravat – ir-reat li bih hu akkuzat l-imputat odjern - izda jkun ir-reat ta' traffikar ta' droga. Ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-fatt wahdu li l-imputat ma eskludiex li jaghti xi ftit kokajina lil min jitolbu, mhux bizzejjed biex inehhi minn mohh din il-Qorti kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat xtara d-droga ghall-uzu tieghu personali.

Ghalkemm il-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni kif dedotta, ma hemmx dubbju li l-imputat huwa hati tar-reat ta' pussess semplici tad-droga kokajina, liema reat huwa kompriz u involut fl-imputazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ikkopera kemm mas-suldati tal-Forzi Armati kif ukoll mal-Pulizija.

Ghalkemm meta kkommetta r-reat, il-fedina penali tieghu kienet netta, il-fedina penali aggiornata tieghu fiha tlett kundanni, wahda li kellu fil-pussess tieghu mus minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, wahda dwar ksur tal-ligijiet dwar il-lottu u ohra li kkommetta r-reat ta' ferita hafifa u ghamel hsara volontarja li ma teccedix €103.20.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-ammont ta' 3.737 grammi droga kokajina, anke jekk ghall-uzu personali, m'huwiex wiehed insinifikanti.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ma ssibx l-imputat hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, izda wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat hati tar-reat ta' pussess semplici tad-droga kokajina, liema reat huwa kompriz u involut fl-imputazzjoni originali dedotta kontrih, u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elfejn u tlett mitt Euro (€2,300.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' sebghin Euro (€70.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-5 ta' Awwissu 2015, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mija u tlettax-il Euro u tletin centezmu (€438.04), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------